**12 ta' Frar, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Saviour Borg

*versus*

Ġiljan Aquilina *et*

## Mandat ta' Inibizzjoni – Digriet

*Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa essenjalment ta' natura kawtelatorja, intiż biex il-persuna li titolbu tkun tista', qabel ma jkun deċiżjoni definittiva fuq il-jedd jew pretensjoni tagħha, "tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha". Wara għandha ssir il-kawża fi żmien erbat ijiem tax-xogħol mill-kunsinna ta' avviż ta' l-esekuzzjoni tal-mandat.*

*Id-digriet li jammetti t-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni la huwa digriet definittiv u lanqas ma jista' jiġi kkunsidrat bħala digriet interlokutorju. Dak id-digriet la huwa definittiv u lanqas interlokutorju, iżda jifforma parti biss mill-atti tal-mandat relattiv, u mhux mill-atti tal-kawża, u eżawrixxa ruħu bil-ħruġ tal-mandat.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta li huwa kien qiegħed imexxi l-*Local Mini Market*, f'Jerry Zammit Street, Msida, u fl-istess ħanut kellu *stock* li għalih kien responsabbli huwa u fuq l-istess *stock* kien ħallas diversi *wholesalers* u anke l-kirja ta' l-istess ħanut lis-sid, u dana f'ażjenda li kienet qed titmexxa bl-iskop li l-istess negozju jkun tiegħu u ta' Marika Aqulina li dak iż-żmien kienet l-għarusa tiegħu; *illi wara t-tħassir ta' l-għerusija huwa safa mkeċċi mill*-istess post u dana b'mod li huwa ma setax jikkontrolla l-proprjetà u l-*istock* li kellu u l-ħanut baqa' miftuħ xorta waħda, b'mod li kienu qed ibiegħu affarijiet li fuqhom kellu l-jedd; u peress li l-attur talab u ottjena l-mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti li jġib in-numru 2206/86; talab illi din il-Qorti tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni maħruġ kontra l-konvenut li jġib in-numru 2206/86, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha qalu li t-talba kkontenuta fiċ-ċitazzjoni mhux konformi ma' l-artikolu 846 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, (illum art. 843 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, Edizzjoni Riveduta ta' l-1984) u għalhekk għandha tiġi miċħuda u l-mandat għandu jiġi ddikjarat bla ebda effett *ai termini* tas-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u,

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet ittrattata kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet "Ġiljan Aquilina *vs* Saviour Borg" (Ċitazzjoni Nru.

28/87), pendenti quddiem il-Qorti, peress li ż-żewġ kawżi għandhom mertu komuni; din il-kawża hija intiża għall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2206/86, maħruġ minn din il-Qorti kontra l-konvenuti; fil-waqt li l-kawża l-oħra hija intiża għar-revoka ta' l-istess mandat;

Illi l-fatti li wasslu lill-attur f'din il-kawża biex jitlob il-ħruġ tal-mandat huma fil-qosor dawn: l-attur kien għarus mal-konvenuta Marika Aquilina, bint il-konvenut l-ieħor, u waqt din l-għerusija l-konvenut kera l-ħanut magħruf bħala *"Local Mini Market"*, sitwat f'Jerry Zammit Street, l-Imsida, bl-*istock* allura eżistenti fih dakinhar, jiġifieri fit-18 ta' Ottubru, 1985. Dan il-ħanut materjalment bdew imexxuh l-attur u l-għarusa tiegħu, sew għal dak li kien xiri ta' *stock* ġdid, u kemm il-bejgħ ġornaljier mill-ħanut bl-imnut. L-għerusija bejn l-attur u l-konvenuta tħassret fil-bidu ta' Diċembru, 1988, u minn dakinhar *l-attur ma ħax sehem iżjed* fil-ġestjoni tal-ħanut u dan jidher li baqa' jitmexxa mill-konvenuti;

Għaldaqstant, fit-18 ta' Diċembru, 1988, l-attur talab u ottjena l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni (li nħareġ fit-23 ta' l-istess xahar), li bih il-konvenuti ġew inibiti milli jiftħu l-istess ħanut u milli jkomplu jbiegħu mill-*istock* ta' l-istess, sew personalment u kemm permezz ta' terzi, sakemm jiġu likwidati l-pendenzi bejn il-partijiet. *Dan il-mandat inħareġ wara li l-attur ippremetta u* kkonferma bil-ġurament, testwalment hekk:

"Illi hu kien imexxi l-ħanut *'Local Mini Market'* f'Jerry Zammit Street, Msida, fejn għandu l-*istock* kollu tiegħu; Ġiljan Aquilina appena tħassret l-għerusija ta' l-esponenti ma' Marika Aquilina qabad u ħa l-istess *"mini market"* u qed ikompli jiġġestih hu u qed ibigħ l-*istock* tar-rikorrenti, u f'dan qed tgħinu

Marika'', u ''illi jekk dan l-aġir ikompli, issir ħsara u dannu irreparabbli lir-rikorrenti'';

Issa l-Qorti tagħmilha ċara li ma rriproduċietx il-fatti kollha tal-każ, imma dawk biss li huma assolutament neċessarji għall-aħjar intendiment ta' din is-sentenza. Lanqas ma hija se teżamina l-attendibilità o meno ta' l-istess fatti, anki dawk riprodotti hawnhekk, imma tħalli din il-kwistjoni impreġudikata, biex tiġi eżaminata f'ġudizzju ieħor jekk ikun il-każ;

Illi l-mandat ta' inibizzjoni huwa essenzjalment ta' natura kawtelatorja, intiż (bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, b'distinzjoni ta' mandat esekuttiv) biex il-persuna li titolbu tkun tista', qabel ma jkun hemm deċiżjoni definittiva fuq il-jedd jew pretensjoni tagħha, ''tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha (Ara artikoli 829 u 830 tal-Kap. 12). Però l-artikolu 843 (qabel artikolu 846) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jipprovdi kif ġej;

''(1) Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat, fi żmien erbat ijiem tax-xogħol mill-kunsinna ta' l-avviż ta' l-esekuzzjoni tiegħu jew lir-rikorrent jew lill-avukat jew prokuratur legali li l-firma tiegħu tkun tidher fuq ir-rikors;

''(2) Jekk ir-rikorrent jonqos li jagħmel il-kawża, l-effetti tal-mandat jispiċċaw, u huwa jkun obbligat għall-ħlas tad-danni u l-imgħaxijiet kollha'';

Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu għall-mandat ta' inibizzjoni, għaliex huma estiżi għalih bl-artikolu 875 ta' l-imsemmi Kap. 12;

Illi l-kontenzjoni tal-konvenuti hija li l-attur, wara li ottjena l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni, ma ottemperax ruħu ma' l-imsemmija disposizzjonijiet ta' l-artikolu 843, u għalhekk il-mandat spiċċalu l-effetti tiegħu u kwindi t-talba ta' l-attur għandha tiġi miċħuda. Issa, jitnissel ċar mill-istess artikolu illi r-rekwiżiti tal-kawża li għandha ssir wara l-mandat kawtelatorju huma tnejn, ċjoè:

(i) li l-kawża tkun għall-jedd imsemmi fil-mandat, u,

(ii) li l-kawża tiġi intavolta fi żmien erbat ijiem tax-xogħol mill-kunsinna ta' l-avviż ta' l-esekuzzjoni tal-mandat lil xi waħda mill-persuni msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-istess artikolu;

Illi kif deher mit-trattazzjoni orali tal-kawża, u *del resto* dan jidher anki mil-lokazzjoni tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti qed jillimitaw l-eċċezzjoni tagħhom għall-ewwel *rekwiżiti hawn fuq imsemmi, tant li huma qalu li t*-talba kkontenuta fiċ-ċitazzjoni m'hix konformi ma' l-imsemmi artikolu;

Illi fil-każ in eżami l-pretensjoni jew jedd ta' l-attur, kif jirriżulta mill-mandat *de quo,* huwa dan: li fiż-żmien rilevanti għall-każ **l-*istock* kollu eżistenti fil-ħanut kien tiegħu,** (sottolinear tal-Qorti). Intant, il-Qorti bid-digriet tagħha tat-23 ta' Diċembru, 1986, ordnat il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni, kif talab ir-rikorrent (jiġifieri l-attur odjern), għax naturalment dehrilha li r-rikorrent kellu *prima facie* dak il-jedd (ara artikolu 878 tal-Kap. 12), u sabiex tikkawtelalu u tipproteġilu l-istess jedd sakemm dan jiġi kkanonizzat definittivament mill-Qorti u jkun jista' jiġi esegwit; altrimenti, fin-nuqqas ta' dik il-kawtela, irrealizzata appuntu bil-ħruġ tal-mandat imsemmi,

il-konvenuti setgħu jiddisponu mill-istess *stock* (li l-attur jippretendi li kien kollu tiegħu) u b'hekk jilledu l-jedd ta' l-attur sakemm dan jiġi stabbilit b'mod definittiv bil-kawża pprospettata fl-artikolu 843 f'każijiet bħal dawn ta' l-attur. Mela l-kawtela diġà kienet sanzjonata mill-Qorti bil-ħruġ tal-mandat *de quo;* u kwindi t-talba għall-konferma ta' dik il-kawtela – u għal dan tammonta t-talba ta' l-attur fiċ-ċitazzjoni odjerna – hija mhux biss superfluwa, iżda wkoll ġuridikmanet erronea, għaliex minflok kellha tkun għall-kontinwazzjoni tal-jedd pretiż mill-attur u kif speċifikat fil-mandat in kwistjoni (ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Tonna vs John Mamo", deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru, 1987);

Inoltre, kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Edgar Baldacchino *et vs* Joseph Bellizzi' (deċiża fl-10 ta' Awissu, 1953) (Vol. XXXVII.I.519) id-digriet li jammetti t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni la huwa digriet definittiv (għax ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas rabat lill-ġudikant), u lanqas ma jista' jiġi kkunsidrat bħala digriet interlokutorju. Dak id-digriet la huwa definittiv u lanqas interlokutorju, iżda jifforma parti biss mill-atti tal-mandat relattiv, u mhux mill-atti tal-kawża, u eżawrixxa ruħu bil-ħruġ tal-mandat;

Illi fl-aħħarnett kif inhu risaput il-Qorti għandha toqgħod għat-termini tad-domanda, u s-sentenza għandha tkun konformi għad-domanda (Vol. XXXVI.I.269);

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-konvenuti hija sostenibbli, u t-talba ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni ma għandhiex tiġi milqugħa. Kieku kellha tiġi milqugħa l-istess talba ma twassalx

għar-risoluzzjoni tal-jedd vantat mill-attur u kkontestat mill-konvenuti. Però l-Qorti ma tħossx li għandha tipprovdi fuq iċ-ċitazzjoni billi tiċħad it-talba ta' l-attur, għax forsi dan jista' jippreġudika l-posizzjoni tiegħu, imma għandha biss tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju wara li tiddikjara l-proċediment irritu u null;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni ssollevata mill-konvenuti, tiddikjara ċ-ċitazzjoni irrita u nulla, u konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-attur.